MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 928/2011

**John Caruana (K.I. 258667M)**
**Vs**
**Cettina Cacciattolo (K.I. 73065M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandiex thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u tmien mitt ewro rapprezentanti self maghmul mill-attur lill-konvenuta; bl-ispejjez u bl-imghax mill- 25t'Ottubru, 2011 sal-hlas effettiv; il-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-25 ta' Gunju, 2012 mill-Avukat Alexei Dalli u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher

sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt ewro w dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill- 25 t'Ottubru, 2011 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------